MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 137/2007/1

**John Rizzo proprio u bhala fil-kapacita tieghu bhala**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Vs**

**Michael Falzon u/jew Saviour Balzan fil-kapacita tieghu**

**bhala l-editur tal-Maltatoday**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2012, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu jew minn minnhom is-somma ta' mhux izjed minn hamest elef lira Maltin (LM5,000) bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi b'artiklu ippubblikat fil-gurnal Maltatoday ta' nhar it-13 ta' Mejju, 2007 intitolat 'Policing one' enemies' (Dok 'JR1') il-konvenuti jew min minnhom immalafamaw lill-attur li l-ghan car li jtellfulu jew jnaqqsulu r-reputazjoni tieghu.*

*Bl-ispejjez. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.*

*Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-istess atti.*

*Rat ir-risposta tal-istess konvenut* <u>*il-Perit Michael Falzon*</u> *(fol 5 u fol 6 ibid) u li biha espona bir-rispett:-*

*1. Illi preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotorju stante illi mhuwiex identifikabbli min huwa l-konvenut fil-kawza odjerna u dana peress illi l –attur ma identifikax ezattament lil min mill-konvenuti qieghed ifittex meta huwa harrek 'u/jew' u in ogni kaz l-esponenti mhuwiex l-editur tal-Maltatoday;*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intempestivita' tal-kawza odjerna stante illi l-esponenti ma giex interpellat la bonarjament u lanqas ufficjalment qabel ma giet ipprezentata l-kawza odjerna;*

*3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur proprio u ma ghandu l-ebda interess guridiku fil-kawza odjerna stante illi l-artiklu de quo ma jaghmel l-ebda referenza ghall-istess attur proprio;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pubblikazzjoni de quo mhix libelluza u/jew malafamanti la fil-konfront ta' l-attur proprio u lanqas fil-konfront ta' l-attur nomine dana stante illi fl-ewwel lok, il-pubblikazzjoni de quo tikkonsisti f'fatti sostanzjalment korretti liema fatti gew imxandra u mistqarra pubblikament mid-Deputat*

*tal-Partit Laburista Dottor Michael Falzon fil-jiem ta' qabel il-pubblikazzjoni de quo, liema stqarrija ma giet bl-ebda mod michuda mill-attur, u illi inoltre, fit-tieni lok, il-pubblikazzjoni de quo tikkonsisti f'fair comment u espressjoni ta' oppinjoni jew value-judgement fuq l-istess fatti li l-esponenti huwa ntitolat jaghmel taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

*5. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pubblikazzjoni de quo mhijiex libelluza stante wkoll illi l-attur, bhala persuna li jokkupa kariga pubblika gholja f'ghajnejn il-pubbliku huwa tenut illi jirrikonoxxi kritika, sahansitra harxa, ta' l-operat tieghu u dana kif stabbilit minn gurisprudenza ormai pacifika;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-attur in subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta'* <u>*Saviour Balzan*</u> *(fol 13 ibid) u li biha espona bir-rispett:*

*1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur John Rizzo fil-vesti tieghu personali huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li fl-imsemmi artiklu guranlistiku qatt ma saret ebda referenza ghall-istess John Rizzo b'mod personali, izda biss ghall-Kummissarju tal-Pulizija.*

*2. Illi bhal pregudizzju ghall-premess, il-pretensjonijiet ta' l-attur fil-vesti tieghu bhala Kummissarju tal-Pulizija huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li r-rappurtagg u l-kummenti maghmula fl-artiklu gurnalistiku in kwistjoni jaqghu fil-parametri ta' 'fair comment' fil-qafas tad-dritt fondamentali ghall-espressjoni meta si tratta referenzi ghal ufficjal pubbliku.*

*3. Illi oltre dan, l-artikolu mertu ta' din il-kawza mhux bl-ebda mod intiz li 'jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, kif jirrikjedi Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jikkontjeni kummenti immirati lejn il-korp tal-Pulizija.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat il-verbal a fol 15 tal-istess atti minn fejn jirrisulta illi l-Qorti giet awtorizzata li tiddeciedi l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut, il-Perit Michael Falzon u li huma ta' natura preliminari fis-sentenza finali.*

*Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2011 (fol 118 ibid) in-nota tal-attur pro et nomine (fol 119 ibid) u l-annessa dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut, Saviour Balzan (fol 120 ibid), minn fejn jirrisulta li l-attur pro et nomine ma ghandux aktar pretensjonijiet fil-konfront tal-konvenut, Saviour Balzan, wahdu u ghalhekk f'dan il-kaz ghandu jitkompla fil-konfront tal-Perit Michael Falzon.*

*Semghet it-trattazzjoni.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-attur (fol 17, fol 22, fol 36 u fol 49 et seq ibid) beda billi qal illi l-artikolu in esami esebit a fol 2 tal-atti u intitolat ' Policing one's enemies' kien malfamanti fil-konfront tieghu kemm personalment kemm minhabba il-kariga pubblika li hu jkopri peress li, permezz tieghu '…. Intefa' hafna tajn fuq l-integrita tieghu'. Dwar il-fatti in esami, hu xehed li f' Dicembru 2006 l-Avukat Dottor Michael Falzon kien gie fl-ufficju tieghu u nformah li kien irceva ittra anonima, kontenenti theddid fil-konfront ta' dan. L-istess Dottor Falzon kien talab investigazzjoni sabiex jigi rintraccat l-awtur tal-ittra kontenenti minacci. Ix-xhud kien talab kwerela, skond il-ligi, sabiex Dottor Falzon "... jghid jekk kienx lest jaghti l-kunsens tieghu caso mai niskopru minn kiteb l-ittra" liema kunsens filfatt inghata. Ghalhekk ix-xhud kien ikkonsenja l-ittra (ara l-kopja fol 39 ibid) lid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali sabiex dan il-kaz jigi investigat (ara xhieda tal-Ispettur Paul Caruana u Christopher Pullicino a fol 23 u fol 25 et seq ibid rispettivament). L-istess Dottor Falzon kien informah, ukoll, illi madwar*

*jumejn qabel kien ircieva ukoll, 'e-mail' anonima (ara fol 42 ibid) u minhabba li x-xhud hass li seta' kien ness bejn din u l-ittra, hu kien inkariga ukoll is-sezzjoni tas-'cyber crime' sabiex tippartecipa ukoll, fl-investigazzjoni. Difatti kien gie rintraccat l-awtur tal-'e-mail' imsemmija u ghalhekk il-Pulizija baghtet ghal din il-persuna suspettata vis-à-vis l-'e-mail' u gie esaminat il-'computer' ta' din il-persuna u fil-fatt kien irrisulta li l-'e-mail' kienet intbaghtet mill-'computer' taghha. Dwar dan il-kaz hadd ma kien tressaq quddiem il-Qorti kompetenti. Sussegwentement ix-xhud irrefera ghal partijiet tal-artikolu li, fil-fehma tieghu kienu ingurjuzi fil-konfront tieghu principalment ir-referenza bhala paragun, ghall-pulizija sigrieta fil-Germanja tal-Lvant, li, fi kliem l-istess xhud, hu kien gie mpingi bhala '… pupazz f'idejn id-Definity Leader' li semmejt' u r-referenza li hemm ghal '… the infighting and internal views within the M.L.P.!' Ix-xhud kompla jghid illi fl-artikolu hemm allegazzjoni li skond l-esitu ta' l-investigazzjoni, jiena kont se nagixxi b'mod diskriminatorju 'Difatti jidher mill-artikolu li '… hemm allegazzjoni li jiena ghamilt l-investigazjoni sabiex nissodisfa xi fazzjoni fil-Malta Labour Party u dik immexxija minn Dr Michael Falzon' haga li x-xhud cahad b'mod enfatiku. Inoltre hu irrefera ghall-allegazzjoni illi fl-istess partit imsemmi '.. hemm persuni li jistghu jinfluwenzaw u jinterferixxu f'decizjonijiet li jittiehu mill-Pulizija 'In kontro ezami hu semma' illi kien jaf illi ftit qabel is-6 ta' Mejju tal-2007 kien hemm diskors mill-istess kwerelant, pero ma kienx jaf x'kien il-kontenut ta' dan id-diskors (ara fol 58 et seq ibid b'mod specjali l-partijiet 'highlighted'). Dwar dan id-diskors, gie ikkwotat lix-xhud il-kliem "x'ser naghmlu, Mike jekk jirrisultali X jew Y". Ghal dan il-kwerelant kien wiegeb li hu qed jawtorizza li jittiehdu proceduri "… kontra hu min hu".*

*Illi Dottor Michael Falzon (fol 33 et seq ibid) sema' illi hu kien gie paragunat bhala membru tal-Pulizija sigrieta barranija gja msemmija u li "…. Jiena influwenzat il-Pulizija sabiex jinvestigaw il-kaz tieghu" ("…. Li jiena gbidt l-ispak fuq il-Kummissarju tal-Pulizija". Hu ikkonferma li kien ltaqa mal-attur in konnessjoni ma ittri ta' theddid fil-konfront tieghu u l-investigazzjoni dwar danni. Hu kien gie mistoqsi ukoll dwar l-imsemmija kwerela u hu filfatt kien qal lill-attur li 'Jiena dispost nipprocedi permezz ta' kwerela skond il-ligi jekk, s'intendi, jirrizulta minn kienet il-persuna involuta … ikun minn ikun min jikser il-ligi sabiex jipprocedi".*

*Wara li ghaddew diversi xhur kien irceva telefonata minghand il-gurnalista Karl Stagno Navarra (ara fol 87 sa fol 91 ibid et seq ibid) li infurmah li kien ser jinkiteb artikolu dwar dan il-kaz.*

*In <u>kontro ezami</u> hu semma li kien minnu li ghamel id-diskors imsemmi fir-Rabat izda b'mod kategoriku jeskludi li qatt semma' fl-istess diskors illi hu kien "… qed jigbed l-ispak tal-Kummissarju tal-Pulizija" jew li qal lill-istess attur "…. sabiex jinterferixxi fl-affarijiet interni tal-'Malta Labour Party'.*

*Illi l-persuna li allegatament kienet involuta fil-kitba tal-'e-mail' li ntbaghtet lil Dottor Michael Falzon gie prodott u filfatt <u>Anton B Dougall</u> (fol 72 et seq ibid). Dan ammetta li kien baghat l-'e-mail' deskritta minnu bhala "… parir politiku" …. "fuq xi strategija li kellha tittiehed dak iz-zmien" sabiex Dottor Michael Falzon "…joqghod attent minn dawn l-individwi" li "… ma jkunux qeghdin jaghmlu gid lill-individwu hu minn hu". In konnessjoni ma l-investigazzjoni, permezz ta' telefonata kien gie mitlub sabiex jmur fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija minghajr ma gie moghti r-raguni ta' dan. Hawnhekk hu kien wiegeb ghad-domandi li sarulu mill-Ispettur Chris Pullicino biss dwar l-'e-mail' in esami. Inoltre kienu gew elevati mill-Pulizija 'computers'. Hu kien mar, ghal dan l-iskop xi sitt dabiet u kull darba kien jinghata 'police bail' wara li jiffirma darba fil-gimgha sakemm kien gie informat li ma kienx hemm kaz fil-konfront tieghu. <u>In kontro ezami</u> hu semma, in rigward l-artikolu in esami, li l-awtur tieghu qatt ma kien avvicinah qabel ma gie pubblikat. Inoltre hu eskluda li xi familjari tieghu kienu lmentaw dwar kif gie trattat mill-Pulizija anzi hu hass illi l-istess pulizija kellha d-dritt u d-dover li tinvestiga dan il-kaz deskritt minnu bhala oggett zghir. Inoltre dwar il-'computers', dawn kienu gew ritornati lilu.*

*<u>Ikkunsidrat</u>*

*Illi <u>l-konvenut</u> in sostenn ta' dak eccepit minnu (fol 53 et seq ibid) beda billi qal li kien qara artikolu fil-gazetta 'Matlatoday' u kien sar jaf bil-kontenut ta' dak li kien qal Dottor Michael Falzon fir-Rabat u hu kien ikkonkluda illi l-Pulizija "…went out of their way" u fil-fehma tieghi uzaw tattici drakonjani kontra persuna li kienet baghtet 'e-mail' inokwa fl-opinjoni tieghu …".*

*Inoltre skond il-konvenut, fl-opinjoni tieghu, il-Pulizija kienu ndahlu f'kwistjonijiet interni ta' partit politiku. Dwar l-'e-mail' in kwistjoni, ma kien hemm ebda indikazzjoni illi minn kien baghtu kien kiser il-ligi. Difatti skond hu l-'e-mail' u l-ittra anonima kienu kwistjonijet differrenti minn xulxin u seta kien hemm zball li dawk jigu trattati flimkien. Filfatt il-kaz kien sar gravi meta skond hu l-Pulizija kienu arrestaw ("gie maqbud minnhom") il-persuna li kienet baghtet l-'e-mail' u din giet imgeghla tiffirma l-'police bail' darba fil-gimgha. Hawnhekk hu ammetta li kien zbalja meta kien kiteb illi din il-persuna kellha tiffirma kull jum. Dwar l-allegat abbuz ta' poter mill-Pulizija, hu qal illi Dottor Michael Falzon kien qed juza l-Pulizija sabiex jikkontrolla l-liberta ta' bniedem suspettat minnu li kien kontra tieghu. Inoltre hu kien tal-opinjoni illi f'kaz li kienet persuna ordinarja li kienet tmur ghand il-Kummissarju tal-Pulizija bl-'e-mail'… ma kienx jigri dak li gara' u '… dan kollu li gara' peress li minn ghamel il-kwerela … kien id-'deputy leader' … 'u kellu l-biza li kien hemm nies fil-partit imsemmi '… li setghu jinfluwenzaw l-agir tal-Kummissarju …'. Dwar dak li ntqal fl-artikolu in konnessjoni ma' telefonata li l-attur kien ghamel lil Emanuel Cuschieri fuq kaz estranew ghal dak in esami liema punt kien sar accenn ghalih fix-xhieda tal-attur, il-konvenut jsostni li dan l-agir kien pass falz.*

*Konsegwentement u abazi tal-premess, il-konvenut jsostni li dak li kiteb fl-artikolu kien kritika tal-agir tal-attur deskritt minnu bhala 'high-handed. <u>In kontroezami</u> hu sema' li qatt ma kien avvicina lill-attur jew lill-Avukat Michael Falzon qabel ma kiteb u ppubbllika l-istess artikolu izda kien kitbu fuq dak li jinghad fit-traskrizzjoni tad-diskors gja msemmi tal-istess Dottor Michael Falzon. Inoltre hu kien jaf li kien hemm involuta ukoll ittra anomina izda ma kienx jaf li seta kien hemm ness bejn l-'e-mail' u l-ittra*

*anonima. Inoltre kien minnu, ukoll li ma kienx jaf x'jfisser 'police bail' u ma kienx jaf lil Anton B Dougall kien inghata 'police bail' sabiex jsiru l-esamijiet rilevanti fuq il-'computers' elevati mill-lat tekniku. Inoltre kien konsapevoli illi f'kaz ta' theddid, kien hemm il-htiega ta' kwerela tal-parti.*

*Ikkunsidrat*

*Illi qabel id-decisjoni fuq il-meritu ghandu jsir accenn ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni sottomessi mill-konvenut rimanenti. Kif jidher mill-atti, waqt is-smiegh tal-kawza u anke fit-trattazjoni, wiehed jista' jghid illi dawn l-eccezzjonijiet gew injorati u ma sar l-ebda accenn ghalihom la fuq bazi ta' fatt u lanqas legali. Effettivament jista jinghad illi l-konvenut rimanenti kien facilment identifikabbli, li l-azzjoni giet tentata kontra z-zewg konvenuti bil-Qorti tintalab tiddikjara min minnhom hu responsabbli ghad-danni mitlubin jew inkella t-tnejn flimkien bhala awtur u editur rispettivament, li m'hemmx il-htiega fuq xi bazi legali li ssir xi forma t'interpellazjoni qabel ma tigi intavolata l-azzjoni. Inoltre kawza bhal dik in esami tista' tigi presentata anke personalment ossija 'proprio'.*

*Illi ghalhekk, dawn it-tlett eccezzjonijiet ghandhom jigu skartati.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, fil-meritu l-istess Qorti tixtieq tirrileva s-segwenti fatti kif risultanti mill-provi prodotti u kif hawn fuq esposti:*

*a) Kollox jidher li nbeda meta Dottor Michael Falzon ghamel rapport personalment lill-attur in rigward ittra anonima allegatament kontenenti kliem ta' theddid fil-konfront tieghu. F'kazijiet ta' theddid, hemm rikjest mill-Kodici Kriminali (artikolu 339(e) u 339 (2)) li procedure fil-Qorti ma jinbdewx 'ex ufficio' izda permezz ta' kwerela tal-parti allegatament leza.*

*Jidher mid-diskors bejniethom illi dan il-punt ingieb a konjizzjoni ta' Dottor Michael Falzon, li xtaq li f'kaz li l-awtur ta' din l-ittra jigi skopert, jkun minn jkun, l-istess attur kellu jitressaq quddiem il-Qorti kompetenti.*

*b) Fl-istess perjodu ta' zmien, l-Avukat Falzon kien zvela ukoll illi kien irceva 'e-mail' ukoll u l-attur, korrettement, kien qal illi l-awtur ta' din seta' kien dak tal-ittra anomina. Ghalhekk l-investigazzjoni tal-kaz, imxiet fuq dan il-binarju billi saret l-investigazzjoni da parti taz-zewg sezzjonijiet tal-Pulizija msemmija.*

*c) Din l-investigazzjoni waslet ghall-identifikazzjoni tal-awtur tal-'e-mail' cjoe Anton B Dougall. Hawnhekk il-Pulizija talbet lil dan sabiex jmur fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hawnhekk ammetta li kien awtur tal-istess 'e-mail' izda mhux tal-ittra. Peress li l-investigazzjoni kellha tissokta billi jigu esaminti 'computer' jew 'computers' appartenenti lill-istess persuna fuqha gie impost skond il-ligi, l-hekk imsejjah 'police bail' bl-obbligu tal-persuna li tiffirma darba fil-gimgha fl-istess Kwartieri. Din is-sitwazzjoni baqghet issehh sakemm il-Pulizija spiccat l-investigazzjoni taghha vis-à-vis l-istess persuna u l-involviment taghha f'dan il-kaz.*

*Ikkunsidrat*

*Illi f'kazijiet bhala dak in esami, din il-Qorti pprovat zzomm bilanc bejn id-dritt tal-istampa li tinforma lill-pubbliku u dwar fatti ta' interess pubbliku u f'kaz ta' persuna b'kariga pubblika, tirrispetta d-dritt tal-istampa li taghmel kritika, anke harxa u li tista' twegga, fil-konfront tal-istess persuna. Minn naha l-ohra ghandu jigi rispettat, ukoll, id-dritt tal-istess persuna li tigi salvagwardjata r-reputazjoni taghha.*

*Ikkunsidrat*

*Illi dan premess, il-Qorti qrat bir-reqqa', l-artikolu in esami sabiex tara li hu fondat fuq fatti veritjeri u f'kaz ta' kritika, tara li ma giex oltrepassat il-limiti ta' 'fair comment' gustifikabbli f'socjeta demokratika.*

*Ikkunsidrat*

*Illi mill-artikolu in esami, jirrisulta illi l-konvenut rimanenti:-*

*a) irrefera ghal kaz ta' Anton B Dougall bhala wiehed li kien qed jigi investigat bil-metodi uzati mill-Pulizija Sigrieta tal-Germanja tal-Lvant, il-hekk msejjha '*<u>*STASI*</u>*' u allega li l-attur agixxa, fil-qadi ta' dmirijietu, bhal li kieku l-investigazzjoni saret bil-metodi notorji uzati minn din il-Pulizija Sigrieta esistenti li stat nieqes effettivament minn kull garanzija li ghandu jkun hemm fi stat verament u genwinament demokratiku. Dan b'mod evidenti ma hux minnu. Difatti jidher li l-Kummissarju agixxa entro l-parametri tal-ligi. Anke Anton B. Dougall ikkonferma fix-xhieda tieghu li ma kellu xejn x'jilmenta mill-Pulizija fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz.*
*b) Jghid illi l-Kummissarju tal-Pulizija agixxa bhal li kieku kien xi pupazz immexxi mill-Avukat Michael Falzon. Dan certament ma hux il-kaz. Difatti jidher li l-Kummissarju, meta sarlu r-rapport, agixxa kif obbligat mill-ligi, fis-sens li jigi investigat kaz sabiex, possibilment, jigi identifikat l-awtur ta' reat in rigward l-ittra anomina involuta b'Dottor Michael Falzon jaghmilha cara li, f'kaz li din il-persuna, ghandhom jittiehdu proceduri kriminali kontra taghha, hi min hi.*

<u>*Ikkunsidrat*</u>

*Illi fid-dawl ta' dak premess it-talbiet attrici, ghandhom jigu akkolti. In rigward il-'quantum' ta'* <u>*danni*</u>*, il-Qorti ser tiffisshom 'arbitro boni viri' fis-somma ta' €2,000.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz in rigward Saviour Balzan u tiddikajra l-procediment ezawrit f'dan ir-rigward tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mir-rikors in esami vis-à-vis il-konvenut, Michael Falzon u tikkundanna lil dan il-konvenut sabiex jhallas lill-attur, fil-kwalitajiet tieghu premessi, s-somma ta' €2,000 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.*

Bl-appell minnu introdott l-intimat il-perit Michael Falzon qieghed iressaq is-segwenti aggravvji:

1. L-Ewwel Qorti zbaljat fl-apprezzament tal-fatti tal-kaz u naqset milli tqies l-artikolu fid-dawl ta' dawn il-fatti peress illi analizi debita kemm ta'l-artikolu in kwistjoni kif ukoll tal-provi prodotti mill-appellanti u tal-fatti ippruvati bhala veri kellhom iwasslu ghal konkluzjoni illi l-publikazzjoni in kwistjoni mhijiex libelluza u/jew malfamanti fil-konfront ta'l-attur appellat u dana ghaliex tikkonsisti f'fatti sostanzjalment korretti liema fatti gew imxandra u mistqarra pubblikament mill-imsemmi Avukat Dottor Michael Falzon fil-jiem qabel il-publikazzjoni u ghalhekk il-publikazzjoni tikonsisti f'*fair comment* u espressjoni ta' opinjoni jew *value judgment* fuq l-istess fatti.

2. L-attur appellat bhala persuna li jokkupa kariga pubblika huwa tenut illi jirrikonoxxi kritika, sahansitra harxa ta'l-operat tieghu.

Illi l-appellat John Rizzo ma ipprezentax ir-risposta tieghu ghal dan l-appell izda ressaq nota ta' sottomissjonijiet fil-mori tal-proceduri quddiem din il-Qorti fejn huwa ressaq it-tweigba tieghu ghal lanjanzi maghmula mill-appellanti fil-konfront tas-sentenza impunjata.

Illi fil-fatt l-appellat fin-nota tieghu igib ghar-riljev ta' din il-Qorti is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali *in subjecta materia* fil-kawza fl-ismijiet "**il-Perit Michael Falzon u Saviour Balzan v. L-Avukat Generali, Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat Dottor Michael Falzon**" deciza fil-11 ta' Jannar 2013 liema kawza kostituzzjonali giet intavolata mill-appellanti u Saviour Balzan, l-editur tal-gazzetta fejn gie ippubblikat l-artikolu mertu ta' din il-vertenza, fejn fost affarijiet ohra l-appellanti allega illi bid-decizjoni moghtija fil-kaz analogu ta' libell istitwit mill-Avukat Falzon fil-konfront tieghu, kien gie lez id-dritt fondamentali tieghu tal-liberta ta'l-espressjoni, fost ohrajn. Illi din il-

Qorti hija tal-fehma illi qabel kull konsiderazzjoni li hija ser tghaddi biex taghmel in konnessjoni ma' dan l-event litigjuz bejn l-kontendenti, necessarjament ghandu isir referenza ghal fehma superjuri tal-Qorti Kostituzzjonali proprju in konnessjoni ma' dan il-kaz. Fl-insenjament maghmul minnha l-Qorti Kostituzzjonali affermat:

**"din il-Qorti tirriafferma l-funzjoni essenzjali tal-istampa f'soċjeta` demokratika. L-istampa għandha d-dover li tikkomunika informazzjoni u ideat fuq materji ta' interess pubbliku. Dan id-dover jestendi mhux biss għal informazzjoni jew ideat favorevoli, inoffensivi jew newtrali u indifferenti iżda wkoll għal informazzjoni jew ideat li jistgħu joffendu, jixxokkjaw jew jinkwetaw. Saħansitra l-liberta` tal-istampa tammetti wkoll element ta' esaġerazzjoni jew provokazzjoni . Jibqa' l-fatt, izda, li l-istampa ma tistax teċċedi ċerti limiti u trid teżerċita l-funzjoni tagħha konsistentement mal-obbligi u r-responsabbilitajiet tagħha partikolarment lejn ir-reputazzjoni u d-drittijiet ta' ħaddieħor**

**Dawn il-limiti huma usa fir-rigward ta' persuni attivi fil-politika waqt li jkunu jaġixxu fil-kapaċita` pubblika tagħhom milli huma fir-rigward ta' individwi privati peress li persuna attiva fil-politika għandha tkun konsapevoli li minħabba l-pożizzjoni li tkun daħlet għaliha ser tkun kontinwament taħt l-iskrutinju u esposta għall-kritika anki ħarxa tal-pubbliku u tal-istampa u ser tkun meħtieġa tagħti rendikont tal-għemil tagħha. Dan ma jfissirx li persuni mpenjati fil-politika ma għandhomx dritt għall-ħarsien tar-reputazzjoni tagħhom anki meta jaġixxu fil-kapaċita` pubblika tagħhom għaliex anki f'ċirkostanzi tali dritt għal-liberta` ta' espressjoni ma hux assolut iżda hu arġinat bil-limiti tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalita`. Ifisser, għalhekk, li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-ħarsien tad-dritt għal-liberta` ta' espressjoni ta' persuna attiva fil-politika meta taġixxi fil-kwalita` pubblika tagħha jrid jiġi bilanċjat ma' l-interessi ta' diskussjoni aperta ta' kwistjonijiet politiċi għaliex l-eċċezzjonijiet għal-liberta` ta' espressjoni jridu jiġu interpretati b'mod restrittiv**

**Meta jsir l-eżerċizzju biex jiġi determinat jekk l-interferenza mill-awtorita` pubblika fid-dritt għal-liberta` ta' espressjoni kinitx waħda meħtieġa f'soċjeta` demokratika trid issir distinzjoni bejn fatti u opinjonijiet, kumment jew *value judgments.* F'soċjeta` demokratika persuna ma għandhiex tigi penalizzata għaliex tesprimi opinjoni jew *value***

***judgment*** **u dan għar-raġuni li opinjonijiet u ġudizzji bħal dawn ma humiex passibbli ta' apprezzament biex jiġu ritenuti veritjieri o meno. Iżda anki dikjarazzjoni jew stqarrija konsistenti f'*value judgment* tista', meta meqjusa l-proporzjonalita` tal-interferenza mill-awtorita` pubblika fid-dritt għal-liberta` ta' espressjoni, tkun eċċessiva partikolarment meta dak il-ġudizzju jkun nieqes minn dak is-sottostratt ta' fatti biżżejjed sabiex isostni dak il- ġudizzju."**

Premess dan l-insenjament, allura, din il-Qorti necessarjament trid timxi ma'dan it-test meta tigi biex tgharbel jekk l-kundanna maghmula mill-Ewwel Qorti in konnessjoni mal-persuna l-ohra taht il-mira tal-artikolista fl-artikolu in ezami kenitx wahda legittima. Illi mill-atti probatorji il-fatti li gew stabbiliti f'dana il-kaz kienu s-segwenti. Jidher illi l-Avukat Dr. Michael Falzon kien irceva ittra anonima li kienet tikkontjeni kliem ta' theddid fil-konfront tieghu. Xi jiem wara huwa irceva e-mail, ukoll anonima, li madanakollu ma kenitx minaccjuza, izda meta huwa irrapporta dawn il-fatti lill-pulizija, u cioe' direttament mal-Kummissarju ta' dak iz-zmien, l-appellat odjern, dan dehrlu li seta' kien hemm konnessjoni bejniethom u ghalhekk beda imexxi l-investigazzjoni tieghu f'dana il-binarju. Izda qabel ma ghamel dan huwa necessarjment, u skont il-ligi talab lill-Avukat Falzon jipprezentalu kwerela bil-miktub sabiex ikun jista' jipprocedi kriminalment kontra il-persuna li setghet tirrizulta bhala suspettata mill-investigazzjonijiet maghmula minnu. In segwitu ghal tali kwerela, u wara li inbdiet l-investigazzjoni, il-pulizija irnexxielhom jirrintraccjaw il-persuna li baghtet l-*email* lill-Avukat Falzon, izda mhux min kien baghat l-ittra anonima bit-theddid. Billi, kif inghad, il-pulizija kellhom suspett li dawn setghu kienu konnessi, huma zammew lil din il-persuna suspettata taht il-lenti taghhom billi wara li gie interrogat tqieghed taht *police bail* u saret tfittxija fil-kompjuters tieghu. Minn din l-investigazzjoni, jidher izda, li ma irrizultatx din il-konnessjoni u kwindi ma ittiehdu l-ebda passi kriminali kontra din il-persuna suspettata. Gara izda, illi f'diskors politiku maghmul mill-Avukat Falzon fil-pubbliku gewwa r-Rabat, huwa isemmi dan il-fatt u ighid illi kellu

komunikazzjoni diretta u personali mal-Kummissarju tal-Pulizija fejn dan ta'l-ahhar indirizzah b'ismu personali u anke staqsieh jekk kellux jipprocedi kriminalment kontra kwalunwke persuna li setghet tirrizulta bhala hatja ta' dan l-allegat reat anke jekk l-istess setghet kellha l-istess affinita politika mal-avukat Falzon. Minn dan id-diskors l-appellanti inferixxa interferenza mill-ambjent politiku fl-agir tal-korp tal-pulizija u ghalhekk kiteb l-artikolu mertu ta' din il-vertenza fejn allega l-fatti li l-appellat hass li kienu libelluzi fil-konfront tieghu.

Illi l-artikolu jibda billi jingieb paragun bejn il-metodi tal-pulizija sigrieta tal-Germanja (l-iStasi) u l-agir ta'l-avukat Falzon bhala persuna b'influwenza politika li qed tuza lill-pulizija biex trazzan il-liberta tac-cittadin, tipika fi stat polizjesk. Jimplika ukoll illi l-avukat Falzon ezercita l-influwenza tieghu biex issir investigazzjoni mill-pulizija fuq xi haga trivjali u b'hekk cittadin innocenti gie imcahhad mill-liberta tieghu ghax kien suspettat bhala ghadu politiku ta'l-avukat u il-partit tieghu. Jimplika ukoll familjarita' bejn l-avukat Falzon u il-Kummissarju tant illi kien qed jinterferixxi fid-decizjonijiet tal-pulizija, iktar mill-Ministru stess.

Issa huwa minnu illi l-fatti esposti mill-artikolista kienu in sintesi fatti li huwa ottjena mid-diskors pubbliku maghmul mill-Avukat Michael Falzon, izda dawn il-fatti kienu riproduzzjoni ta' diskors li intqal f'kuntest ta' attivita politika li ma gewx ivverifikati mill-appellanti qabel ma ghogbu jixhet certu allegazzjonijiet fuq l-appellat fl-artikolu tieghu. Ma jidhirx, ghal ta'l-anqas mill-provi li jinsabu riprodotti in atti, illi l-appellanti kien ikkomunika mal-appellat qabel ma esprima l-fehma tieghu fil-gazzetta dwar il-veracita' o meno tad-diskors li kien sar mill-Avukat Falzon. Dan ghaliex il-mod kif mexa il-Kummissarju tal-Pulizija fl-investigazzjoni li saret wara ir-rapport maghmul lilu mill-Avukat Falzon kien ghal kollox korrett u skont il-ligi, tant illi l-appellat, li fiz-zmien mertu tal-kaz kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija, eziga minn ghand l-avukat Falzon kwerela sabiex ikun jista' jipprocedi u ghalhekk ma kien

hemm l-ebda trattament differenti minn dak li jinghata cittadin ordinarju. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien on "*first name terms*" mad-deputat mexxej ta' partit politiku u li l-istess Kummissarju staqsieh jekk kellux jinghata trattament ugwali tkun min tkun il-persuna li tirrizulta mill-investigazzjonijiet wara dawn l-ittri u e-mails anonimi, huwa kollu frott ta' diskors politiku maghmul mill-avukat Falzon u mhux minn xi fatti direttament attribwibbli lill-istess Kummissarju. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li, inqas u inqas f'dan il-kaz, ma seta' l-artikolista jesprimi l-fehma illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien qieghed jigi immexxi politikament fl-agir tieghu u ghalhekk mhux kif ghandha tkun il-pulizija f'socjeta demokratika, meta l-fatti li gew a konoxxenza tieghu ma kenux gew miksuba direttament  minn sors fi hdan il-korp tal-pulizija u li huwa ghalhekk kien stabilixxa bhala veritjieri. Dana ghaliex mix-xhieda tieghu stess jidher illi lanqas kellu l-icken idea dwar kif titmexxa investigazzjoni mill-pulizija, kif lanqas kien jaf x'ifisser *police bail* u lanqas jidher illi kien konsapevoli tal-fatt illi l-investigazzjoni kienet skattat wara kwerela maghmula mill-Avukat Falzon dwar ittra anonima li kien fiha kliem ta' theddid u mhux mil-*e-mail* mertu ta'l-artikolu. Li kieku dan kien il-kaz, allura l-appellanti kien ikollu ragun illi jaghmel kritika harxa fuq l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija anzi kien ikun fi dmir tieghu illi iggib dawn il-fatti allegatament abusivi a konoxxenza tal-pubbliku.

Ghaldaqstant l-appellanti ma ghandux ragun fl-aggravvji tieghu meta isostni fl-ewwel lok illi l-fatti rappurtati minnu kienu veritjieri, billi dawn ma kenux tali fil-konfront ta'l-appellat Rizzo, fil-vesti tieghu dak iz-zmien ta' Kummissarju tal-Pulizija, izda dawn kienu biss jirriflettu diskors politiku li sar mill-Avukat Michael Falzon. Kif ma ghandux lanqas ragun meta isostni illi l-artikolu fil-konfront ta'l-appellat kien jammonta ghal *fair comment* u kritika gusta. Huwa ben ovvju minn qari ta'l-artikolu li dan ma kienx il-kaz, billi l-insinwazzjonijiet li johorgu mill-istess m'huma xejn ghajr implikazzjoni ta' kolluzzjoni bejn il-

korp tal-pulizija kif immexxi mill-Kummissarju, kariga okkupata f'dak iz-zmien mill-appellat, u il-membri ta' partiti politici u dana meta jafferma s-segwenti fl-artikolu tieghu:

"**Has not MLP Deputy Leader Michael Falzon successfully used the Police Force to control the freedom of an innocent, law abiding private citizen whom he suspected could be a political enemy?**" li kif qalet gustament il-Qorti Kostituzzjonali "kjarament tinkludi fiha affermazzjoni ta' fatt u pależament tistieden risposta fl-affermattiv."

Kif ukoll meta fuq l-istess linja l-artikolu ikompli:

**"Does the MLP Deputy Leader who happens to be my namesake carry more weight and influence with the Commissioner of Police than the Deputy Prime Minister who is politically responsible for the Police Force?**"

Dawn l-allegazzjonijiet certament ma humiex riproduzzjoni ta' fatti veritjieri fil-konfront ta'l-appellat izda huma biss riflessjoni ta' dak li qalet persuna ohra liema fatti ma gewx ivverifikati bhala veritjieri mill-appellanti qabel ma ghogbu jesprimi il-fehma tieghu fl-artikolu in dizamina fil-konfront ta'l-appellat. Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-appellanti ma kienx kawt fil-fehma espressa minnu fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien billi huwa seta' biss jaghti l-opinjoni tieghu ghad-diskors maghmul mill-avukat Falzon u xejn izjed u mhux jaccetta bhala verita dawk il-fatti li kien qed jitkellem dwarhom terza persuna fil-konfront ta'l-appellat.

Jinsab opinat mill-Gatley "on Libel and Slander", Seventh Edition, para 719:

"***A writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail***".

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ta' dina l-istanza jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------